- *servizzi pprestati li ma jammontawx għal senserija*

*vera u propjra jimmeritaw ħlas arbitrio boni viri*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

## ILLUM 19 ta' Jannar 2021

## Rikors Ġuramentat Nru. 989/2018 GM

**Grace Borg (k.i. 760251M)**

vs

1. **Edward Basile (k.i. 167284M)**
2. **Francis Basile (k.i. 167384M)**
3. **David Basile (k.i. 117978M)**
4. **Cherubino Limited (C 3677)**
5. **Kalataka Limited (C 58107)**
6. **Boubguira Azzedine (CAN-BA505531)**
7. **Grisar Frank (591-5838189-55)**
8. **Pantzar Jan Erik (81481120)**
9. **Pantzar Thomas Stig (PSWE 82001325)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat li permezz tiegħu l-attriċi, wara li ppremettiet:

1. Illi f'xi żmien matul is-sena elfejn u sbatax (2017) u s-sena elfejn u tmintax (2018) kienu saru u sussegwentement ġew konklużi negozjati bejn il-konvenuti in konnessjoni mat-trasferiment tal-operat tal-ħanut bl-isem '*Amorino*' li jinsab ġewwa Triq ir-Repubblika, Valletta, liema trasferiment jinkludi t-trasferiment tan-negozju operat mill-ħanut, it-trasferiment tal-*going concern*, tal-*goodwill* u tal-*franchise* bl-isem '*Amorino*', u possibilment ukoll it-trasferiment ta' ishma fil-kumpannija Kalataka Limited, fost l-ohrajn;

2. Illi dan it-trasferiment sar da parti tal-konvenuti Kalataka Limited, Boubguira Azzedine, Grisar Frank, Pantzar Jan Erik u Pantzar Thomas Stig, jew min minnhom, lill-konvenuti l-ohrajn Cherubino Limited, Edward Cherubino, Francis Cherubino u David Cherubino, jew min minnhom;

3. Illi l-attriċi Grace Borg, flimkien ma' ċertu Joseph Vassallo (k.i. 568287M), kienu laqqgħu lill-konvenuti bejniethom, stante li min-naha wahda l-konvenuti Kalataka Limited, Boubguira Azzedine, Grisar Frank, Pantzar Jan Erik u Pantzar Thomas Stig (jew min minnhom) kien behsiebhom li jittrasferixxu l-operat tal-ħanut imsemmi, u min-naha l-ohra l-konvenuti Cherubino u Cherubino Limited (jew min minnhom) kienu interessati li jakkwistaw l-istess negozju;

4. Illi l-attriċi, flimkien ma' Joseph Vassallo, kienet fundamentali sabiex il-konvenuti setgħu jiltaqgħu bejniethom, jinnegozjaw it-trasferiment tal-operat tan-negozju in kwestjoni u sabiex l-istess negozju jigi konkluż;
5. Illi l-partijiet kienu ftiehmu li l-attriċi u Joseph Vassallo kienu ser jithallsu tlieta fil-mija (3%) tal-prezz finali mhallas għal dan in-negozju, u dan bħala kumpens għas-servizzi tagħhom f'dan in-negozju sabiex l-istess negozju seta' jsir;

6. Illi din ir-rata perċentwali miftiehma li titħallas mill-konvenuti, kellha tinqasam fi kwoti ndaqs bejn l-attriċi u Joseph Vassallo;

7. Illi filwaqt li Joseph Vassallo ikkuntenta ruhu li jitħallas ammont iżgħar a saldu tal-pretensjonijiet tiegħu, l-attriċi qed tinsisti li għandha tithallas l-ammont kif miftiehem stante li hija kienet strumentali sabiex in-negozju seta' jsir;

8. Illi l-konvenuti qatt ma ċaħdu li dan il-ftehim dwar ħlas ta' 3% fuq il-prezz finali kien jezisti. Inoltri huma kienu konsapevoli ta' dan u xorta wahda baqgħu jinvolvu lill-attriċi fin-negozjati. Huma kienu konsapevoli wkoll li ċertament l-attriċi ma kenitx qiegħdha toffri s-servizzi tagħha mingħajr pretensjoni ta' ħlas għall-istess;

9. Illi meta bdew joqorbu sabiex jikkonkludu n-negozjati bejniethom, il-konvenuti bdew jeskludu lill-attriċi sabiex hija ma tkunx taf eżattament x'kien qed jigi konkluż, partikolarment dwar il-prezz;

10. Illi għalhekk l-attriċi, filwaqt li taf li n-negozju bejn il-konvenuti (jew min minnhom) gie konkluż, ma tafx x'inhu l-prezz finali tan-negozju li l-konvenuti (jew min minnhom) ftiehmu dwaru u għalhekk mhijiex fil-pożizzjoni li tikkwantifika s-sehem tagħha għall-ħlas tas-servizzi tagħha;

11. Illi minkejja li l-konvenuti ġew interpellati għall-ħlas tal-kumpens miftiehem għas-servizzi pprovduti mill-attriċi, inkluz permezz ta' ittru uffiċjali numru 2264/2018 ipprezentata fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmintax (2018), huma baqgħu inadempjenti.

Talbet lill-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli sabiex ihallsu lill-attriċi l-prezz ossija kumpens għas-servizzi li hija pprovdiet lilhom sabiex seta' jsir u jigi konkluż in-negozju bejn il-konvenuti li jikkonsisti fit-trasferiment tal-operat tan-negozju bl-isem '*Amorino*' li jinkludi l-operat tal-ħanut bl-isem Amorino ġewwa Triq ir-Repubblika fil-Belt Valletta;
2. Tillikwida l-ammont li l-konvenuti, jew min minnhom, għandhom ihallsu lill-attriċi, liema ammont għandu jikkonsisti min-nofs is-somma li tirrizulta kkalkolata bir-rata ta' tlieta fil-mija (3%) fuq il-prezz finali mhallas bejn il-konvenuti għan-negozju in kwestjoni;
3. Tordna lill-konvenuti, jew min minnhom, ihallsu lill-attriċi l-ammont hekk likwidat, oltre' għal imgħaxijiet skond il-ligi;

4. Tagħti kull rimedju u/jew dirrettiva oħra li din l-Onorabbli Qorti jidrilha huwa xieraq u opportun.

Bl-ispejjez u bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni ulterjuri skond il-ligi.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenuti Basile u s-soċjeta` Cherubino Limited li permezz tagħha eċċepew illi:

1. M'humiex il-leġittimi kontradditturi għat-talbiet kontenuti fir-rikors ġuramentat tal-attriċi, u, għaldaqstant, għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju prevja ċ-ċaħda tat-talbiet tal-attriċi dedotti fil-konfront tagħhom, bl-ispejjeż a karigu tal-istess attriċi.

2. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-attriċi għandha, in limine litis, tindika u tiċċara n-natura u l-kawżali formanti l-bażi tat-talbiet dedotti minnha fir-Rikors Ġuramentat tagħha, ossia għandha tikkjarifika u tindika b'mod ċar jekk hijiex qed tippretendi xi forma ta' 'kumpens għas-servizzi' allegatament reżi minnha, kif indikat fl-ewwel (1) talba tagħha, jew jekk hijiex qiegħdha titlob illikwidazzjoni ta' kumpens allegatament spettanti lilha bħala senserija in vista talallegat involviment 'fundamentali' tagħha fil-konklużjoni tan-negozju in kwistjoni, kif indikat fis-sitt (6) paragrafu tar-Rikors Ġuramentat tagħha. Tali kjarifika hija neċessarja u essenzjali sabiex l-esponenti, sa mill-bidu tal- 4 proċedimenti ġudizzjarji odjerni, jitqiegħdu f'qagħda li jiddefendu ruħhom millallegazzjonijiet vantati fil-konfront tagħhom, u dan mingħajr ebda preġudizzju għad-drittijiet ta' difiża tagħhom –electa una via non datur recursus ad alteram.

3. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, u filwaqt li jżommu ferm il-konvinzjonijiet tagħhom, kif riportati fl-ewwel (1) u fit-tieni (2) eċċezzjoni suesposta, l-esponenti jirrilevaw li, fi kwalunkwe każ, it-talbiet tal-attriċi huma manifestament infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontriha stante li, filverità, hi ma kellha assolutament l-ebda involvement determinanti jew sinifikanti fin-negozjati in kwistjoni li, b'xi mod, seta' wassal għall-konklużjoni tan-negozju in kwistjoni, u dan kif se jirriżulta waqt is-smiegħ tal-kawża odjerna.

4. B'żieda ma dak riportat fit-tielet (3) eċċezzjoni surreferita, l-esponenti jirrilevaw li m'hu veru assolutament xejn li ntlaħaq xi forma ta' ftehim relattiv għal xi forma ta' ħlas ta' 'kumpens'

ekwivalenti għal tlieta fil-mija (3%) fuq il-prezz tannegozju in kwistjoni, u dan kif se jirriżulta waqt is-smiegħ tal-kawża odjerna. Għaldaqstant, jispetta lill-attriċi li tipprova kwalunkwe allegazzjoni relattiva għal xi forma ta' ftehim milħuq bejn il-partijiet, jew min minnhom, f'dan ir-rigward, u dan sal-grad rikjest mil-liġi proċedurali tagħna.

5. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi rrilevat li, fin-nuqqas ta' provi konkludenti għar-rigward tal-eżistenza ta' ftehim relattiv għal kumpens ammontanti għal persentaġġ tal-valur tan-negozju in kwistjoni – liema ftehim, mingħajr ebda dubju, qatt ma eżista– jispetta lill-attriċi li tressaq provi, sal-grad rikjest mil-liġi proċedurali tagħna, relattivi għall-komputazzjoni ta' xi forma ta' kumpens relattiv għas-servizzi allegatament prestati minnha.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenuti l-oħrajn Boubguira Azzedine, Grisar Frank, Pantzar Jan Erik u Kalataka Limited li permezz tagħha eċċepew illi:

1. It-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-attriċi ma kellha l-ebda involviment sinjifikanti jew determinanti fin-negozjati odjerni li seta' wassal għallkonklużjoni tal-istess negozju u għaldaqstant tali talbiet għandhom jiġu miċħuda blispejjeż kontra tagħha.

2. Ma kien hemm l-ebda ftheim għal xi forma ta' ħlas ta' 'kumpens' ekwivalenti għal 3% fuq il-prezz tan-negozju in kwistjoni. Inoltre l-oneru tal-prova jistrieħ fuq lattriċi sabiex tipprova l-istess allegazzjoni sal-grad rikjest mil-liġi proċedurali tagħna.

3. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, fin-nuqqas li l-attriċi tipprova l-istess allegazzjonijiet ta' xi ftheim relattiv għal-kumpens ammontanti għal-persentaġġ talvalur tan-negozju in kwistjoni jistrieħ fuq l-attriċi l-oneru tal-prova tal-komputazzjoni ta' xi forma ta' kumpens relattiv għall-allegati servizzi minnha prestati.

Rat is-sentenza tagħha tat-8 ta' Ottubru 2019 li permezz tagħha ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti Basile u l-kumpanija

Cherubino Limited li m'humiex il-leġittimi kuntraditturi għat-talbiet attriċi.

Rat l-atti kollha tal-każ.

**Ikkunsidrat:**

Fir-Rikors Ġuramentat tagħha, l-attriċi tallega li:

- flimkien ma' ċertu Joseph Vassallo, laqqgħet lill-konvenuti, "jew min minnhom" u li kienet "fundamentali sabiex il-konvenuti setgħu jiltaqgħu bejniethom, jinnegozjaw it-trasferiment tal-operat tan-negozju in kwistjoni u sabiex l-istess negozju jiġi konkluż."[1]
- Il-ftehim kien li hi u Vassallo jitħallsu 3% tal-prezz finali tan-negozju li kellu jinqasam bejniethom.
- Meta bdew joqorbu biex jikkonkludu n-negozju, il-konvenuti bdew jeskludu lill-attriċi biex ma tkunx taf x'kien qiegħed jiġi konkluż, partikolarment dwar il-prezz.
- Vassallo aċċetta somma iżgħar għas-saldu ta' sehmu.

Il-konvenuti, fiż-żewġ Risposti Ġuramentati tagħhom, ċaħdu li l-attriċi kellha xi rwol "determinanti jew sinifikanti" fin-negozjati, u li kien hemm ftehim għal kumpens ta' 3%. Baqgħu jinsistu dan waqt il-ġbir tal-provi u saħqu li l-attriċi ma kellha xejn x'taqsam mat-trasferiment tan-negozju in kwistjoni. Il-konvenuti ressqu bħala xhud prinċipali lill-konvenut David Basile u saħansitra xehed illi bil-kemm kien jafha lil attriċi għax kien jafha biss mit-televiżjoni u iltaqa' darba waħda biss magħha fl-2007.

[1]Para 4 tar-Rikors Ġuramentat

Iżid jgħid illi fl-2017, l-aħwa Basile ġew introdotti mal-attriċi Grace Borg fuq negozju ta' ġelaterija oħra u mhux dik in kwistjoni. Peress li dan in-negozju ma seħħx, ċertu Joseph Vassallo, li jaħdem mal-attriċi kien infurahom illi kien hemm ġelaterija l-Belt ta' xi ħbieb tiegħu u ċjoe Jan Pantzar u Frank Grisar – il-konvenuti l-oħra f'din il-kawża u kien lest li jlaqqahom magħhom.

Filfatt fit-18 ta' Mejju 2017, l-aħwa David u Edward Basile iltqagħu fil-ħanut Amorino ġewwa Triq ir-Repubblika Valletta mas-sidien tan-negozju. Skond ix-xhud, kellu jattendi Vassallo ukoll iżda ma marx. Wara li kienet bdiet il-laqgħa, wara xi nofsiegħa, tlett kwarti, jgħid li waslet l-attriċi, qagħdet f'kantuniera u ma tkellmet xejn. Huma inħasdu għax ma kellhomx idea għaliex kienet preżenti għal din il-laqgħa iżda xorta komplew it-taħdidiet. Dan xehedu ukoll il-konvenut Jan Pantzar. David Basile jkompli li waqt din il-laqgħa ma ġiex diskuss negozju iżda l-intiża kienet li jsiru jafu aktar lil xulxin. Saħansitra s-sidien ta' Amorino qalulhom li n-negozju ma kienx għall-bejgħ iżda ma eskludew xejn għall-futur. Il-konvenuti jisħqu li Grace Borg qatt ma kellha nvolviment fit-trattattivi u fit-trasferiment tan-negozju in kwistjoni u għalhekk l-pretensjonijiet tagħha li titħallas sehemha huma kollha frivoli.

Minn naħa l-oħra, il-verżjoni tal-attriċi hija differenti għal kollox. Fix-xhieda tagħha tisħaq illi mhux veritier il-fatt li l-konvenuti ma kienux jafuha. Tgħid li kien hemm diversi negozjati oħrajn qabel dak in kwistjoni mal-aħwa Basile fosthom il-*franchise Subway*, djar tal-anzjani u ħwienet oħra ġewwa l-Belt Valletta u mkejjen oħra. Prova ta' hekk, l-attriċi ppreżentant għadd ta' messaġġi mibgħuta lit-tlett aħwa Basile dwar in-

negozji oħrajn.[2] L-aktar voluminuża hija l-korrispondenza mal-konvenut Edward Basile peress illi miegħu l-aktar li kienet tikkomunika. Dawn il-messaġġi ntbgħatu fis-snin 2017 u 2018. Fost din il-korrispondenza hemm l-attriċi li tibgħat:

> *"Last night got the price down of wallis to 475k there is stival on it aswell. Do you have details?"* il-messagg ikompli: *"Need to speak to you re ravinno."*[3]

Dawn il-messaġġi lil aħwa Basile kienu jintbgħatu kważi kuljum.

Hemm messaġġi oħra dwar restorant ġewwa Bugibba u ieħor ġewwa Marsaxlokk[4] u ħafna aktar messaġġi oħra fejn l-attriċi tipproponi negozji, *franchises u propjetajiet* lil konvenuti Basile. Jissemma ukoll Amorino fis-26 ta' Settembru 2017 u Edward Basile jirrispondi :

> *"Amorino – still waiting for the current owners to get back to us"*

Fid-29 ta' Settembru 2017 l-attriċi tibgħat messaġġ lil Edward Basile u ssaqsih

*"What is the figure of Amorino?"* u hu jirrispondi *"It is a multiple of the NBV – that's why we are chasing them"*

Wara Frar 2018 meta l-attriċi kienet issaqsih dwar il-ħanut Amorino, il-konvenut Edward Basile ma baqax jikkummenta dwaru.

---

[2] Dok GBX2 u Dok GBX3 a fol 191
[3] Dok GBX1 a fol 191
[4] Ibid

Fit-23 ta' Marzu 2018 l-attriċi bagħtet messaġġ tgħidlu:

> *"I don't have to speak to anyone. You were supposed to pay me but i left you to deal. Its not a problem. Pls give me in writing immediate that you r collecting the 3% in amorino deal".*

Fit-26 ta' Marzu 2018 l-attriċi terġa' tibgħatlu *"Any updates from Amorino*?" u Edward Basile irrisponda "*Clearing the NAV value with Jan."*

Fit-3 ta' April 2018 l-attriċi bagħtet:

> *"I spoke to Joe and he agreed to back off. But he wants it in writing that Cherubino are responsible to collect and pay the commission of 3% +vat on signing of contract. This should not be a problem. Please advice."*

Ma kienx hemm risposta lura.

Fil-5 ta April 2018 l-attriċi bagħtet lil Edward Basile:

> *"....as you have not delivered what you promised and give me in writing that you will collect our brokerage fees from the amount paid tomorrow I will ask my lawyer to advice you that we want to be present for signing of contract so we will collect ourselves.'*

U Edward Basile jirrispondi "*Good idea......"*

Fis-17 ta' April 2018 l-attriċi staqsietu x'inhi s-sitwazzjoni dwar Amorino u Basile irrisponda "*waiting for Jan and co to advise date to sign agreement, after Cassano prepares the docs.*"

Meta fil-15 ta' Ġunju 2018 l-attriċi tistaqsi jekk hemmx xi aġġornament dwar Amorino jirrispondi li kollox kien pospost.

Fl-1 ta' Awwissu 2018 l-attriċi bagħtet:

> *"....you started negotiations behind our back; when we got to know you told us that you prefer to negotiate direct but there was nothing to worry about as you will pay us. Now we got to know that you signed from Neville curmi."*

L-attriċi ressqet ukoll diversi emails mibgħuta lil konvenuti. Email li bagħtet l-attriċi fl-20 ta' Settembru 2017 biex tiġbed l-attenzjoni dwar il-ħlas ta' 3% *commission* fit-trasferiment tan-negozju[5]. Fit-12 ta' Frar 2018 reġgħet fakkrithom permezz ta' email[6] u reġgħet għamlet dan f'email ieħor tat-8 ta' Mejju 2018[7].

Fl-email datat 21 ta' Settembru 2017 hemm elenkati l-proġetti li l-attriċi u l-aħwa Basile kienu qed jaħdmu fuqhom dak iż-żmien. F'dan l-email, l-attriċi niżżlet informazzjoni għall-kull proġett u l-konvenuti fejn ma qablux għamlu l-korrezzjonijiet tagħhom. Dwar in-negozju in kwistjoni ma kitbu xejn.

---

5 Dok GBX5 a fol 192
6 Fol 195
7 Dok EBC1 a fol 70

L-attriċi tgħid illi ma tqabbditx bħala sensara mill-konvenuti Basile iżda ġiet imqabbda, bħala diversi drabi oħra, sabiex tfittex propjetajiet għal bejgħ, tlaqqa' il-bejjiegħ u x-xerrej u tagħlaq in-negozju.

Rigward il-ħanut Amorino, l-attriċi tgħid illi mhux laqgħa waħda saret fejn iltaqgħet mal-konvenuti Basile sabiex isir in-negozju, pero' ma kinitx f'pożizzjoni li tagħti n-numru ta' laqgħat li saru jew x'ġie diskuss eżatt. L-attriċi ma kellhiex informazzjoni dwar in-negozjati finali u meta sar il-kuntratt jew il-prezz finali.

A kuntrarju tal-konvenuti Basile li qalu li fl-ewwel laqgħa mal-konvenuti l-oħra, qatt ma ġie diskuss il-bejgħ tal-ħanut Amorino, l-attriċi tisħaq illi verament saru trattattivi u kien hemm spjegazzjoni ta' kif jaħdem l-operat u ġie diskuss il-possibilita' ta' trasferiment tal-operazzjoni tal-ħanut għaliex il-konvenuti Pantzar u Grisar kienu interessati jneħħu l-*business*. Tgħid ukoll illi mill-bidu nett kienet preżenti għal-laqgħa u mhux minnu li daħlet tard.

Ġie mressaq ukoll bħala xhud mill-konvenuti, l-*accountant* u awditur Chris Baldacchino li ġie mqabbad mill-aħwa Basile biex jinnegozja t-trasferiment tan-negozju mal-bejjiegħa. Kien jagħmel laqgħat magħhom li damu għaddejjin għal diversi xhur ġewwa l-uffiċċju tiegħu. Jgħid illi l-attriċi qatt ma kienet preżenti għal dawn il-laqgħat u li kien hu l-persuna illi għalaq in-negozju wara ħafna ħidma u dan in-negozjar bdieh u spiċċah hu wara li ġie mqabbad minn l-aħwa Basile.

**Ikkunsidrat:**

Għalkemm il-konvenuti (bejjiegħa u kumpraturi rispettivament) ippreżentaw żewġ Risposti Ġuramentati separati, ħadd minnhom ma ċaħad kategorikament l-involviment tal-attriċi; u t-tnejn li huma wieġbu li ma kellhiex rwol determinanti jew almenu sinikanti. Li jfisser li jirrikonoxxu li xi tip ta' involvement mill-attriċi kien hemm. Waqt is-smiegħ tal-kawża, kien hemm konvenuti li xehdu li lill-attriċi ma kinux jafuha qabel għajr li kienu jafu min hi għax kienu rawha fuq it-televiżjoni. Dan mhux biss jikkontradixxi dak li ntqal fir-risposti maħlufa imma wkoll mill-korrispondenza esibita mill-attriċi li turi li kienet involuta mal-konvenuti Basile u Cherubino Limited f'għadd t'operazzjonijiet ta' medjazzjoni qabel u waqt it-trattattivi li wassal għan-negozju mertu ta' din il-kawża.

Jirriżulta li l-attriċi verament kienet involuta billi laqqgħet liż-żewġ partijiet flimkien. Kien permezz tal-involviment tagħha u ta' seħibha fin-negozju Joseph Vassallo li l-konvenuti għamlu konoxxenza ta' xulxin u eventwalment seta' jsir in-negozju bejniethom. Pero' jidher illi dan l-involviment spiċċa fi stadju bikri, meta l-attriċi ntalbet tikkonvinċi lil Joseph Vassallo biex ma jintromettix ruħu iktar fin-negozjati billi kien qiegħed ikun iktar ta' tfixkil milli ta' għajnuna. Għal din ir-raġuni ma jirriżultax li l-attriċi twaqqfet bl-iskop malinn li tiġi mċaħħda mis-senserija.

Jirriżulta li kien l-*accountant* u l-awditur Chris Baldacchino li permezz ta' laqgħat li damu x-xhur wassal lill-partijiet għal ftehim dwar il-prezz u l-kundizzjonijiet l-oħra tan-negozju.

Ikkunsidrat:

Il-fatt li bniedem jagħti sempliċiment informazzjoni bla ma jagħmel xejn

aktar, ċjoe` bla ma jadopera ruħu bl-ebda mod biex ilaqqa' l-kunsens tal-partijiet, ma jagħtix dritt la għal senserija u lanqas għal kumpens. [8]

Wiehed jista' jitkellem biss fuq senserija mal-finalizzazzjoni tat-transazzjoni, u kwindi hu biss f'dak il-mument li l-intermedjarju jkun intitolat għal xi remunerazzjoni. Huwa ġeneralment ritenut li sakemm ma jkunx hemm il-konklużjoni tat-transazzjoni, liema konklużjoni saret permezz tax-xogħol li għamel is-sensar allura ma jistax wieħed jitkellem dwar senserija. Sabiex tigi perfezzjonata l-medjazzjoni jinħtieġu żewġ elementi: (a) illi l-intromissjoni tas-sensar tiġi, anki jekk sempliċiment taċitament, aċċettata miż-żewġ kontraenti; u (b) jiġi ottjenut l-*idem placitum consensus* permezz tax-xogħol tal-medjatur.[9]

Min-naħa l-oħra, sensal jista' jkollu dritt għall-kumpens allavolja ma jkunx wassal il-partijiet għall-ftehim jekk dawn jabbandunaw dolożament lis-sensal biex jiddefradawh mid-drittijiet tiegħu.[10]

Huwa stabbilit mill-ġurisprudenza tagħna li jekk ix-xogħol tas-sensar ma jkunx inkurunat bl-esekuzzjoni effettiva għal xi raguni mhux tort tiegħu, huwa għandu dejjem dritt għal ħlas, li iżda ma jkunx għas-senserija pjena, imma għal kumpens in bażi tal-mandat jew lokazzjoni d'opera, [11] korroletat mat-taħbit tas-sensal, li jiġi ffissat *arbitrio boni viri*.[12]

> "*Altro e` l-istituto della senseria o mediazione, altro e` il mandato retribuibile o la locazione d'opera – poiche` mentre un individuo puo` non essere intitolato come mediatore a conclusione dell' affare, puo`*

---

[8] 'Anthony Camilleri vs Nicholas Martin Pen Jensen Testaferrata', deciza minn dik l-istess Qorti nhar it-28 ta' Jannar 2004: "Alfred Schembri -vs- John Bartolo", Prim' Awla, Qorti Civili, 26 ta' Gunju 1965; "Paolo Bonavia -vs- Carmelo Grech", Prim' Awla, Qorti Civili, 21 ta' Frar 1947;

[9] Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet 'Arthur Ebejer nomine vs John Farrugia' nhar it-12 ta' Dicembru 2001

[10] 'Galea vs Caruana Dingli' (1938):

[11] it-28 ta' Marzu 2002 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet 'George Bonnici Noe vs Edwin Camenzuli' d

[12] Vol. XL P I p 463);

*invece spettargli una retribuzione da chi si e` servito della sua opera. E la rimunerazione dell' incaricato o lacatore d'opera non dipende dalla conclusione dello affare rispetto al quale si fosse svolta la sua attivita`, ma dalla natura ed importanza dell'opera prestata in esecuzione dell'incarico.*" [13]

**Ikkunsidrat:**

Illi l-attriċi tippretendi nofs 3% fuq l-valur tan-negozju in kwistjoni billi n-nofs l-ieħor kien dovut li seħibha li iżda aċċetta somma iżgħar ta' sehmu. Issostni li għandha jedd għal din ir-rata abbażi ta' ftehim li titħallas għas-senserija anke jekk ma pparteċipatx b'mod sħiħ biex il-partijiet jgħaqqdu n-negozju. Ftehim li tislet minn talbiet li għamlet f'dan is-sens f'komunikazzjonijiet ma' wieħed mill-konvenuti, li la aċċetta u lanqas ċaħad il-proposta tagħha. Baqa' sieket, u għalhekk, skont l-attriċi, jviġi l-prinċipju ta' ***qui tacet, consentire videtur.*** Dan iżda mhu prinċipju xejn għax kull każ għandu jiġi meqjus fiċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu: "*il silenzio è... un atto positivo della volontà e del pensiero, dal quale – al pari che dalla voce parlata o scritta – si può desumere, secondo le circostanze e caso per caso, contrarietà, opposizione e ripulsa, o invece approvazione, assenso e conferma*."[14]

Fil-każ preżenti, l-attriċi kienet qed tibgħat din il-proposta f'xenarju li fih seħibha, li kien qiegħed jieħu l-iktar rwol attiv bħala medjatur, intalab ma jibqax jagħti s-servizzi tiegħu għax kien qiegħed ikun iktar ta' tfixkil milli

---

[13] "Melchiorre Demajo -vs- Giuseppe Micallef", Appell Civili, 10 ta' Mejju 1922; "Francesco Ciantar et -vs- Carmelo Demarco",, Appell Civili, 12 ta' Dicembru 1919. Fl-istess sens ta' dawn, id-decizjoni fl-ismijiet "Alfred Antignolo -vs- Louis Magri et noe", Appell, 21 ta' Frar 1996; George Bonnici v Edwin Camenzuli 28.03.2002 Prim'Awla, Onor. Philip Sciberras

[14] GAETANO DONÀ, "Il Silenzio Nella Teoria Delle Prove Giudiziali", Fratelli Bocca editori, 1929; p.23, iċċitat f'Emanuel Esposito v Carmelo Mugliett 09.01.2019 Tribunal għal Talbiet Żgħar, *coram* Dr. Kevin Camilleri Xuereb

t'għajnuna u l-attriċi u hu aċċettaw. Mhux preżumibbli li f'qagħda bħal din il-konvenuti aċċettaw li l-attriċi u seħibha jieħdu 3% senserija.

Huwa minnu dak li jirrilevaw uħud mill-konvenuti li l-attriċi ma ressqitx lil Joseph Vassallo bħala xhud tagħha. Dan iżda ma jfissirx li naqset milli tressaq "l-aħjar prova" fis-sens tal-liġi. Li jgħodd hu li l-provi li wieħed iressaq ikunu fihom infushom suffiċjenti biex il-Qorti tasal għall-konklużjonijiet tagħha.

Jirriżulta li n-negozju ġie konkluż bejn Cherubino Limited u Kalataka Limited u għalhekk dawn huma uniċi leġittimarji passivi billi s-servizzi reżi mill-attriċi kienu għall-benefiċċju tagħhom. B'danakollu, tenut kont li l-attriċi ma setgħetx tkun taf min kienu l-benefiċjarji aħħarija, u allura kellha tħarrek lil kull min kien involut, l-ispejjeż tagħhom għandhom jiġu sofferti mill-konvenuti benefiċċjarji.

Jirriżulta li l-prezz tan-negozju *de quo* kien jiswa' €709,613 oltre' *stockvalue* u VAT. Abbażi tal-kunsiderazzjonijiet suesposti, din il-Qorti sejra tillikwida *arbitro boni viri* l-ammont dovut għas-servizzi pprestati mill-attriċi bir-rata ta' 0.5% fuq il-prezz tal-bejgħ u tillikwida s-somma ta' €3,548.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi illi:

1. tiċħad it-talbiet tal-attriċi fil-konfront ta' Edward Basile, Francis Basile, David Basile, Boubguira Azzedine, Grisar Frank, Pantzar Jan Erik u Pantzar Thomas Stig.

2. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti safejn mhux kompatibbli ma' din is-sentenza.

3. Tilqa' in parte l-ewwel talba u tiddikjara illi l-konvenuti Cherubino Limtied u Kalataka Limited huma responsabbli sabiex iħallsu lill-attriċi kumpens għas-servizzi li hija pprovdiet lilhom sabiex seta' jsir u jiġi konkluż in-negozju li jikkonsisti fit-trasferiment tal-operat tan-negozju bl-isem 'Amorino' ġewwa Triq ir-Repubblika fil-Belt Valletta.
3. Tilqa' t-tieni talba u tillikwida l-ammont dovut lil attriċi għas-somma ta' €3,548.
4. Tilqa' it-tielet talba u tordna lil konvenuti Cherubino Limited u Kalataka Limited *in solidum* bejniethom iħallsu lill-attriċi l-ammont hekk likwidat bl-imgħax legali mid-data ta' din is-sentenza sal-eventwali ħlas effettiv.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-konvenuti l-oħra, a karigu tal-konvenuti Cherubino Limited u Kalataka Limited.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA